Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,603, 9 ta' April, 1998
Taqsima B

A.L. 99 ta' l-1998

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-regolamenti ta' l-1998 għall-Għażla ta' l-Applikanti għad-Dħul fil-Kors għall-Grad ta' Doctor of Medicine and Surgery - M.D.

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ippromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

Applikabilita'

1. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-kors għall-Grad ta' Doctor of Medicine and Surgery - M.D. - li jibda f'Ottubru 1997 u f'Ottubru 1998.

L-għażla ta' l-applikanti

2. In-numru ta' l-istudenti li jistgħu jidħlu fil-kors għandu jkun limitat skond il-provvedimenti ta' dawn ir-regolamenti.

3. In-numru ta' studenti għandu jkun limitat għal tletin student Malti u għal numru ieħor ta' studenti barranin li jħallsu d-drittijiet kif determinat mis-Senat, li jaġixxi fuq il-parir tal-Bord tal-Fakulta' tal-Mediċina u l-Kirurġija, iżdajekk in-numru ta' applikanti Maltin li jaqgħu taħt l-aħħar kategorija ta' applikanti eliġibbli għad-dħul skond il-provvedimenti tal-paragrafu (6) tar-regolament 6, huwa tali li n-numru totali ta' l-istudenti għad-dħul jaqbeż it-tletin, f'dak il-każ l-istudenti kollha f'dik il-kategorija għandhom jidħlu fil-kors minkejja l-limitazzjoni fuq in-numri stabbilita f'dan ir-regolament.

4. Biex jidħlu fil-Kors l-istudenti għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti għar-reġistrazzjoni bħala studenti regolari ta' l-Universita' kif speċifikat fir-Regolamenti għad-Dħul u r-rekwiżiti l-oħra kollha għad-dħul fil-kors kif speċifikat fir-regolamenti kollha tal-kors.

5. Jekk ikun hemm aktar minn tletin applikant Malti eliġibbli, l-aħjar tletin applikant għandhom jintgħażlu mill-Bord tad-Dħul ta' l-Universita',

wara li jitlob il-parir tal-Kumitat tad-Dħul tal-Fakulta' tal-Mediċina u l-Kirurġija, skond il-kriterji għall-għażla kif speċifikati fil-paragrafu (6) tar-regolament 6.

Il-kriterji għall-għażla

6. (1) Il-gradi miksuba fis-suġġetti li ġejjin fil-livell indikat għandhom ikunu kkunsidrati l-ewwel:

(a) il-Kimika fil-Livell Avanzat u l-Bijoloġija fil-Livell Avanzat, minn hawn 'il quddiem imsejħa bħala s-suġġetti primarji; u

(b) il-Fiżika jew il-Computing jew l-Ingliż jew il-Matematika jew it-Teknoloġija ta' l-Informazzjoni jew il-Filosofija, jew fil-Livell Avanzat jew fil-Livell Intermedju, minn hawn 'il quddiem imsejħa bħala s-suġġett sekondarju.

(2) Grad miksub f'suġġett sekondarju meħud fil-Livell Avanzat, għandu, għall-għan ta' l-għażla, ikun mogħti l-istess valur bħall-istess grad miksub f'suġġett sekondarju fil-Livell Intermedju.

(3) Applikant li jkollu r-Rekwiżiti Ġenerali għad-Dħul, jista' joffri ċertifikati li għadda fis-suġġetti primarji u/jew fis-suġġett sekondarju, jew bħala parti mir-Rekwiżiti Ġenerali għad-Dħul jew b'żieda mar-Rekwiżiti Ġenerali għad-Dħul.

(4) Meta applikant joffri aktar minn ċertifikat wieħed li għadda fl-istess suġġett, għandu jitqies l-aħjar grad.

(5) Għall-għanijiet ta' l-għażla, ċertifikat li għadda miksub f'sessjoni ta' l-eżamijiet li ssir wara li r-riżultati ta' sessjoni ta' qabilha kienu ppublikati, għandu jitqies li hu ċertifikat li għadda miksub f'sessjoni li hija distinta minn ta' qabilha. Dan ir-regolament għandu japplika wkoll għas-sessjoni supplimentari ta' l-Eżami għaċ-Ċertifikat tal-Matrikola offrut mill-Bord tal-MATSEC ta' l-Universita' ta' Malta skond il-provvedimenti tar-Regolamenti dwar l-Eżami għaċ-Ċertifikat tal-Matrikola u dan minkejja xi regolament ieħor dwar l-għoti taċ-Ċertifikat tal-Matrikola.

(6) It-tletin applikant għandhom ikunu magħżula minn fost l-applikanti Maltin eliġibbli kollha skond il-kategoriji li ġejjin, imniżżlin skond l-ordni tal-preferenza:

L-ewwel kategorija:	dawk b'2 'A's fis-suġġetti primarji u 'A' fis-suġġett sekondarju miksuba f'sessjoni waħda
It-tieni kategorija:	dawk b'2 'A's fis-suġġetti primarji u 'B' fis-suġġett sekondarju miksuba f'sessjoni waħda
It-tielet kategorija:	dawk b'2 'A's fis-suġġetti primarji u 'C' fis-suġġett sekondarju miksuba f'sessjoni waħda
u	dawk b' 'A' waħda u 'B' waħda fis-suġġetti primarji u 'A' fis-suġġett sekondarju miksuba f'sessjoni waħda
u	dawk b' 'A' waħda u 'B' waħda fis-suġġetti primarji u 'B' fis-suġġett sekondarju miksuba f'sessjoni waħda
Ir-raba' kategorija:	dawk b' 'A' waħda u 'B' waħda fis-suġġetti primarji u 'C' fis-suġġett sekondarju miksuba f'sessjoni waħda
u	dawk b'2 'B's fis-suġġetti primarji u 'A' fis-suġġett sekondarju miksuba f'sessjoni waħda
u	dawk b'2 'B's fis-suġġetti primarji u 'B' fis-suġġett sekondarju miksuba f'sessjoni waħda
u	dawk b'2 'A's fis-suġġetti primarji u 'A' fis-suġġett sekondarju miksuba f'żewġ sessjonijiet
u	dawk b'2 'A's fis-suġġetti primarji u 'B' fis-suġġett sekondarju miksuba f'żewġ sessjonijiet

Il-ħames kategorija:	dawk b'2 'A's fis-suġġetti primarji u 'C' fis-suġġett sekondarju miksuba f'żewġ sessjonijiet
u	dawk b' 'A' waħda u 'B' waħda fis-suġġetti primarji u 'A' fis-suġġett sekondarju miksuba f'żewġ sessjonijiet
u	dawk b' 'A' waħda u 'B' waħda fis-suġġetti primarji u 'B' fis-suġġett sekondarju miksuba f'żewġ sessjonijiet
Is-sitt kategorija:	dawk b'2 'B's fis-suġġetti primarji u 'C' fis-suġġett sekondarju miksuba f'sessjoni waħda
Is-seba' kategorija:	dawk b' 'A' waħda u 'B' waħda fis-suġġetti primarji u 'C' fis-suġġett sekondarju miksuba f'żewġ sessjonijiet
u	dawk b'2 'B's fis-suġġetti primarji u 'A' fis-suġġett sekondarju miksuba f'żewġ sessjonijiet
u	dawk b'2 'B's fis-suġġetti primarji u 'B' fis-suġġett sekondarju miksuba f'żewġ sessjonijiet
It-tmien kategorija:	dawk b'2 'B's fis-suġġetti primarji u 'C' fis-suġġett sekondarju miksuba f'żewg sessjonijiet.

(7) Jekk ikun hemm inqas minn tletin applikant Malti eliġibbli li jkollhom il-kwalifiki sat-tmien kategorija, dawn kollha għandhom jidħlu u l-Bord tad-Dħul għandu jdaħħal lill-bqija, wara li jqis f'daqqa l-grad shiħ taċ-Ċertifikat tal-Matrikola, il-gradi miksuba fis-suġġetti primarji u fis-suġġett sekondarju meħuda fil-Livell Avanzat u fil-Livell Intermedju u f'kemm-il sessjoni dawn ikunu nkisbu.